MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Numru 83/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs**

**Marlo Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marlo Mifsud ta’ 31 sena, bin Orazio u Consolata nee` Galdes, imwieled Attard fis-27 ta’ Novembru 1975 u joqghod Nru 8, Triq San Benedittu, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 411176M fejn gie akkuzat talli fit-23 ta’ Frar 2004 u fix-xhur ta’ qabel f’Hal Qormi u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe` welding set tal-marka FRO TV301, misruq, mehud

b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. GA3 u nnutat li l-imputat Marlo Mifsud m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha u f'dan ir-rigward jaghmel referenza ghal Dok GA5 ippresentat minnu llum.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marlo Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, li fil-Verbal tas-Seduta tal-lum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha u f'dan ir-rigward jaghmel referenza ghal Dok GA5 ipprezentat minnu llum, tillibera lill-istess imputat Marlo Mifsud taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Marlo Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------